



2025/1314

30.6.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/1314

tat-23 ta' Ġunju 2025

dwar is-sottomissjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' proposti għall-emendi għall-appendiċijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES) u dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fl-20 laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet ta' dik il-Konvenzjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu ⁽¹⁾ (CITES) daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1975. L-Unjoni aderixxiet mas-CITES permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/451 ⁽²⁾.
- (2) Skont l-Artikolu XI(3), il-punt (b), tas-CITES, il-Konferenza tal-Partijiet għas-CITES (il-"Konferenza tal-Partijiet") tista' tadotta deċiżjonijiet biex temenda l-Appendiċijiet I u II tas-CITES.
- (3) Skont l-Artikolu XVI tas-CITES, kwalunkwe Parti tista' tissottometti lis-Segretarjat tas-CITES lista tal-ispeċijiet li tidentifika bħala soġġetti għar-regolamentazzjoni fil-ġurisdizzjoni tagħha għall-fini ta' prevenzjoni jew restrizzjoni tal-isfruttament, u bħala li jkunu jeħtieġu l-kooperazzjoni ta' Partijiet oħrajn fil-kontroll tal-kummerċ. Dik il-lista trid tiġi inkluża fl-Appendiċi III tas-CITES.
- (4) Waqt l-20 laqgħa tagħha mill-24 ta' Novembru 2025 sal-5 ta' Diċembru 2025, il-Konferenza tal-Partijiet ser tieħu deċiżjoni dwar kwalunkwe proposta biex jiġu emendati l-Appendiċijiet I u II tas-CITES. Il-Partijiet iridu jissottomettu tali proposti lis-Segretarjat tas-CITES sas-27 ta' Ġunju 2025.
- (5) Il-proposti dwar l-inklużjoni ta' speċijiet fl-Appendiċi III tas-CITES ma jeħtiġux deċiżjoni mill-Konferenza tal-Partijiet. Madankollu huwa rrakomandat li dawk il-proposti jitressqu mill-inqas 3 xhur qabel il-laqgħa rilevanti tal-Konferenza tal-Partijiet.
- (6) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fl-20 laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet fir-rigward tal-proposti għall-emendi għall-Appendiċijiet I u II tas-CITES, peress li tali emendi se jkunu vinkolanti għall-Unjoni.
- (7) Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni rigward il-proposti għall-emendi għall-appendiċijiet tas-CITES stabbilit f'din id-Deċiżjoni hija bbażata fuq analiżi esperta tal-merti tagħhom, f'konformità mal-kriterji stabbiliti fis-CITES u fid-dawl tal-aħjar evidenza xjentifika disponibbli. Dik l-analiżi esperta tappoġġa l-proposti għall-emendi għall-appendiċijiet tas-CITES stabbiliti f'din id-Deċiżjoni bl-għan li jiġi żgurat li l-kummerċ tal-ispeċijiet ikkonċernati ma jkunx ta' theddida għas-sopravivenza tagħhom fis-selvaġġ.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-proposti għall-emendi tal-Appendiċijiet I u II tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES) li għandhom jiġu sottomessi mill-Unjoni fl-okkażjoni tal-20 laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għas-CITES (il-"Konferenza tal-Partijiet"), huma stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni. Il-proposti għall-emendi għall-Appendiċijiet I u II tas-CITES li għandhom jiġusottomessi b'mod konġunt mill-Unjoni f'dik l-okkażjoni huma stabbiliti fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 75, 19.3.2015, p. 4, ELI: <http://data.europa.eu/eli/convention/2015/451/oj>.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/451 tas- 6 ta' Marzu 2015 dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES) (ĠU L 75, 19.3.2015, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2015/451/oj>).

Artikolu 2

Is-sottomissjoni għall-inklużjoni fl-Appendiċi III tas-CITES li għandha ssir mill-Unjoni fl-okkażjoni tal-20 laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet hija stabbilita fl-Anness III ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fl-20 laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għandha tkun li tappoġġa l-proposti għal emendi tal-Appendiċijiet I u II tas-CITES stabbiliti fl-Anness I u II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-23 ta' Ġunju 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

C. SIEKIERSKI

ANNEX I

Proposti għall-emendi tal-Appendiċijiet I u II tas-CITES li għandhom jiġu sottomessi mill-Unjoni

Grupp tassonomiku	Unità tassonomika (isem komuni)	Proposta
Rettili	<i>Gekko badenii</i>* (Wiżgħa dehbija ta' Ba Den) * Soġġetta għall-espressjoni ta' appoġġ mill-uniku Stat taż-żona ta' distribuzzjoni, il-Vjetnam, mill-20.06.2025; jekk ma tasal ebda tweġiba pożittiva sa dik id-data ta' skadenza, il-proposta ma tiġix sottomessa	Inkludi fl-Appendiċi II
Amfibji	<i>Pelophylax epeiroticus</i>, <i>Pelophylax shqipericus</i>, <i>Pelophylax ridibundus</i> u <i>Pelophylax lessonae</i> (Żrinġijiet tal-ilma)	Inkludi fl-Appendiċi II (b'dewmien ta' 18-il xahar fid-dħul fis-seħħ)
Ħut	<i>Anguilla spp.</i> (Salluri tal-ilma ħelu)	Inkludi fl-Appendiċi II (b'dewmien ta' 18-il xahar fid-dħul fis-seħħ)
	<i>Centrophoridae</i> (Żagħrun)	Inkludi fl-Appendiċi II
Invertebrati	<i>Holothuria lessoni</i> (Bużžu tar-ramel)	Inkludi fl-Appendiċi II
	<i>Actinopyga echinites</i>, <i>Actinopyga lecanora</i>, <i>Actinopyga mauritiana</i>, <i>Actinopyga miliaris</i>, <i>Actinopyga palauensis</i> u <i>Actinopyga varians</i> (Bużži)	Inkludi fl-Appendiċi II
Siġar	<i>Commiphora wightii</i> (Bdellju Indjan)	Inkludi fl-Appendiċi II
	<i>Araucaria angustifolia</i>* (Arżnu ta' Paraná) * Soġġetta għall-espressjoni ta' appoġġ mill-Brażil sal-20.06.2025; in-nuqqas ta' tweġiba pożittiva sa dik id-data jirriżulta fin-nuqqas ta' sottomissjoni tal-proposta	Inkludi fl-Appendiċi II (bl-annotazzjoni #17)

ANNEX II

Proposti għal emendi tal-Appendiċijiet I u II tas-CITES li għandhom jiġu sottomessi b'mod konġunt mill-Unjoni

Grupp tassonomiku	Unità tassonomika (isem komuni)	Proposta
Ħut	<i>Carcharhinus longimanus</i> (Kelb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniku)	Trasferiment mill-Appendiċi II għall-Appendiċi I
	<i>Galeorhinus galeus</i> (Kelb il-baħar), <i>Mustelus spp.</i> (Mazzola bla xewka)* <i>* Soġġett għall-konferma mill-Brażil tal-intenzjoni tagħhom li jissottomettu l-proposta</i>	Inkludi fl-Appendiċi II

ANNEX III

Emenda tal-Appendiċi III tas-CITES li għandha tiġi sottomessa mill-Unjoni

Grupp tassonomiku	Unità tassonomika (isem komuni)	Proposta
Rettili	<i>Gallotia atlantica</i> , <i>Gallotia bravoana</i> , <i>Gallotia caesaris</i> , <i>Gallotia galloti</i> , <i>Gallotia intermedia</i> , <i>Gallotia stehlini</i>	Inkludi fl-Appendiċi III